**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 19 ta' April, 2002**

**Numru 26**

**Avviz. numru 602/02JR**

**G & P Borg Limited**

**vs**

**Adolf Baldacchino**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz ipprezentat mis-socjeta` attrici fit-12 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm645.26), u fejn intqal:**

**Illi s-socjeta` attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut materjal ta' konkos kif ukoll kriet "cranes" lill-istess konvenut;**

**U illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm645.26) rapprezentanti l-prezz tal-konkos mibjugh u konsenjat kif ukoll il-prezz tal-kiri tal-"cranes";**

**U illi l-konvenut wieghed diversi drabi li ser ihallas din is-somma bilancjali ta' sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm645.26) dovuta lis-socjeta` attrici, izda sal-lum baqa' nadempjenti;**

**Talab li l-konvenut ghar-ragunijiet premessi jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm645.26) dovuta kif hawn fuq spjegat;**
**Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**
**Semgha x-xhieda ta' Dr. Robert Abela ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa u erbghin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm645.26) bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Marzu, 2002.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**